**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 8669/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mona Ibrahim Mahmud**

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Mona Ibrahim Mahmud, detentriċi tal-karta tal-permess ta' residenza 0175289A, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Novembru 2023 għall-ħabta ta' bejn is-19:00hrs u t-20.00hrs fl-akkwati ta' Triq Santa Rita, il-Marsa, Malta u/jew fil-gżejjer Maltin:

1. Attakkat jew għamlet rezistenza bi vjolenza jew b' ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe' PC 2299 Aiden Michail Demicoli, PC 1218 Kenneth Mizzi u/jew persuni oħra filwaqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti.
2. U aktar talli fl-istess ħin u ċirkostanzi, inġurjat jew heddedt, jew għamlet offiza fuq il-persuna ta' PC 2299 Aiden Michail Demicoli, PC 1218 Kenneth Mizzi u/jew persuni oħra, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba li kienu qegħdin

jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezza' jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi waqt l- eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. U aktar talli fl-istess ħin u ċirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' tal-Pulizija waqt li jkunu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlet fi dmirhom, billi ma ħallithomx jagħmlu dak li b'liġi jkunu ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġabet fix-xejn jew ħassret dak li ħaddiehor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm-il darba din id-dizubbidjenza jew dan l-indħil ma jkunux jaqgħu taħt disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra.
4. U aktar talli fl-istess ħin u ċirkostanzi, mingħajr ma darbet jew sawtet, heddet lil PC 2299 Aiden Michail Demicoli, Pc 1218 Kenneth Mizzi u/jew persuni oħra b'ġebel jew waddbet jew qabdet xi arma sabiex tħebb għalihom.
5. U aktar talli fl-istess ħin u ċirkostanzi, zammet f'xi fond jew kellha fil-pussess tagħha, taħt il-kontroll tagħha jew ġarret barra minn xi fond jew fid-dintorni tagħha xi sikkina, jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta tkun u dan mingħajr ma kellha liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju.
6. U aktar talli fl-istess ħin u ċirkostanzi, kisret il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li titratta mal-imputata bħala reċediva ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali, meta hi kienet ġiet misjuba ħatja u kkundannata għal reati, b'sentenzi ta' Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 8, 31, 49, 50, 95, 96(a), 338(dd)(ee) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil imputata Mona Ibrahim Mahmoud ħatja ta' l-akkużi kollha miġjuba kontriha u kkundanatha għal tmintax-il xahar (18) priġunerija effettiva u għal ħlas ta' multa għas-somma ta' erbat elef Euro (€4,000). *Inoltre* ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lil ħatja Mona Ibrahim Mahmud b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza u dan billi ma timmolestax, ma ddejjaqx u ma tinġurjax lil PC 2299 Aiden Michail Demicoli u PC 1218 Kenneth Mizzi. Illi rigward it-talba ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil ħatja Mona Ibrahim Mahmud sabiex tħallas is-somma t'elf, mitejn u wieħed u għoxrin Euro u tlieta u tletin ċentezmu (€1,221.33).

Rat ir-rikors tal-appellanti Mona Ibrahim Mahmud, ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2024, fejn talbet lil din l-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier u minflok tiddeċiedi billi issibha mhux ħatja tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha u b'hekk tilliberaha mill-istess.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnha ventilat, l-appellanti tilmenta li hija ma setgħet qatt tinstab ħatja tal-ħames imputazzjoni fejn kienet mixlija bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress illi qatt ma ħarġet is-sikkina mertu ta' din il-kawża barra r-residenza tagħha.

Illi, il-ħtieġa għal liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija fir-rigward ta' sikkina jew ta' xi strument li jaqta' u bil-ponta meta dawn ikunu jinġarru 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu, huwa regolat bl-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-appellanti iżda ġiet mixlija, u anke misjuba ħatja talli żammet f'xi fond jew kellha fil-pussess tagħha, taħt il-kontroll tagħha jew ġarret barra minn xi fond jew fid-dintorni tagħha xi sikkina, jew strument li jaqta' jew bil-ponta, bid-diċitura allura adoperata tixbaħ dik li tinsab fl-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Liġi ta' Malta, li jittratta infrazzjoni tal-liġi oħra.

Illi, l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda, jiddisponi illi:

> "**Salvi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 8 ħadd ma għandu jġorr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma jkollu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju**".

Bl-artikolu 8 imbagħad jeżenta mir-responsabbilta' penali il-pusess jew iż-żamma ġo xi fond ta' sikkina jew arma li taqta' jew bil-ponta, li ma tkunx arma projbita skont l-artikolu 3, jew l-akkwist ta' sikkina jew strument bħal dawk għall-istess għan. Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta kjarament li l-appellanti qatt ma ħarġet l-imsemmija sikkina 'il barra mir-residenza tagħha u għalhekk ma kienx jeħtieġ li għal pusess ta'l-istess ikollha liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Jikkonsegwi għalhekk, illi dan l-ewwel aggravju mressaq minnha jistħoqqlu akkoljiment, u li l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilliberaha minn din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellanti imbagħad tressaq diversi aggravji li lkoll jittrattaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Għalhekk, l-Qorti ser tgħaddi sabiex titratta it-tieni (2), sas-sebgħa (7) aggravji mressqin mill-appellanti flimkien, u dan għaliex fihom, in suċċint, l-appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti ma flietx il-provi prodotti quddiemha kif suppost u għalhekk kienet żbaljata meta għaddiet sabiex issibha ħatja tal-akkużi kollha dedotti fil-konfront tagħha.

Illi, stante li dawn l-aggravji huma strettament marbuta mal-apprezzament tal-provi, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'pożizzjoni aħjar tqis jekk dan l-apprezzament kienx wieħed raġonevolment u legalment validu[1].

Illi, mill-provi kkumpilati jemerġi illi nhar it-2 ta' Novembru 2023, il-Pulizija rċeviet telefonata anonima fejn ġie rrapurtat li ġewwa Triq Santa Rita, Marsa, kien hemm persuna maskili ta' karnaġġjon skur li kien qed jgħajjat u jagħmel ħafna storbju. PC

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appellanti Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppellanti Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

1218 u PC 2299 irrikorrew immedjatament fuq il-post fejn hemmhekk sabu mara ta' karnaġġjon skura, u ċioe' l-appellanti, li kienet qiegħdha ġewwa r-residenza bl-isem "St Francis", liema mara meta fetħet il-bieb ta' barra bdiet tgħajjat u tagħmel ħafna storbju.

Illi, mill-*PIRS Report* ippreżentat in atti, jirriżulta dak li stqarrew, *a tempo vergine*, PC 1218 u PC 2299. Filfatt, PC 1218 stqarr li:-

> **Jien flimkien ma' PC 2299 wasalna fuq il-post fejn hemmhekk innutajna persuna femminili ta' karnaġġjon skur tgħajjat minn ġewwa residenza St Francis Triq Santa Rita Marsa fejn kif wasalna PC 2299 nizel sabiex jara x'ġara u jien dak il-ħin kont qed nipparkja il-vettura tas-servizz. Kif inzilt biex nassisti lil PC 2299 nnutajt li PC 2299 kien qed jagħti l-ordni fejn instama' jgħid il-kliem 'neħħi is-sikkina' fejn ftit wara indunajt li din l-istess persuna ppruvat tagredixxi lil PC 2299 b'sikkina. PC 2299 dak il-ħin kompla jagħti struzzjonijiet lil din il-persuna sabiex tneħħi l-imsemmija sikkina izda hi ma obditx din l-ordni u b'hekk PC 2299 kellu juza forza proporzjonata permezz ta' tazer. Kif intuza t-tazer din il-persuna waqgħet ma' l-art u hemmhekk jien flimkien ma PC 2299 proċedejna għall-arrest.**

Illi, imbagħad PC 2299 stqarr li: –

> **Jiena flimkien ma' PC 1218 morna fuq rapport rigward storbju ġewwa Triq Santa Rita Marsa. Kif wasalna fuq il-post stajt ninnota persuna femminili ta' karnaġġjon skur fejn bdiet tgħajjat illi sakruwa ġewwa residenza St Francis. Għaldaqstant jien ħriġt mill-vettura fejn pproċedejt billi nikkalma s-sitwazzjoni u fejn hemmhekk din l-imsemmija persuna bdiet tgħid li sakkruwha ġewwa. Hemmhekk jien innutajt li l-bieb ma kienx imsakkar izda kien miftuħ u urejt lil din il-persuna li l-bieb kien miftuħ u mhux imsakkar. Waqt li jien komplejt infiehem is-sitwazzjoni lil din il-persuna hija stqarret li kellha argument mal-partner tagħha. Ftit wara din il-persuna tatni dahra u hemmhekk dehret tieħu oġġett minn fuq is-sufan fejn dan l-oġġett kien jidher li kienet sikkina u bdiet ixxejirha f'idha u tkompli tinsisti dwar l-argument li kellha mar-raġel tagħha. Jien dak il-ħin tajta ordni sabiex tneħħi s-sikkina izda hi baqgħet ma tobdix din l-ordni kif ukoll f'ħin minnom rajtha ddur bis-sikkina id-direzzjoni tiegħi fejn hemmhekk tajtha l-aħħar ordni sabiex tneħħi l-imsemmija sikkina min idejha. Din il-persuna baqgħet ma tatix kas l-ordnijiet tiegħi fejn hemmhekk proċedejt li nuza forza proporzjonata ċioe it-tazer. Wara jien flimkien ma' PC 1218 proċedejna għall-arrest tal-imsemmija persuna.**

Illi, sussegwenti għall-arrest tal-appellanti, is-sikkina in kwistjoni ġiet elevata mill-Pulizija. *In oltre*, meta l-appellanti kienet fil-kustodja tal-Pulizija u kienet qed tieħu l-kura medika, hija bdiet toffendi lill-istess Pulizija bi kliem dispreġjattiv bħal '**Il-**

**Pulizija huma pufti**' u '**PC 2299 inti l-ikbar pufta tad-dinja**". Irriżulta ukoll li waqt li dan l-akkadut kollu kien qed iseħħ fir-residenza tagħha, l-appellanti kienet qed tieħu *live video* ta' l-istess fuq *TikTok*, liema reġistrazzjoni ġiet eżebita in atti mid-difiża.

Illi, ukoll ġie pprezentat in atti l-*affidavit* redatt minn PC 2299 A. Demicoli fejn essenzjalment jirrakkonta l-istess fatti indikati fir-rapport tal-*PIRS*. F'dan l-affidavit iżda, iżid illi fil-ħin li l-appellanti bdiet ixxejjer is-sikkina bdiet tindikalu li kienet ser tuża l-istess biex toqtol lir-raġel tagħha. Jixhed hekk:

> .... **dak il-ħin ħriġt it-Taser u tajtha ordni sabiex tneħħi s-sikkina minn idejha izda hija baqgħet ma tobdiex din l-ordni kif ukoll f'ħin minnhom rajtha ddur bis-sikkina fid-direzzjoni tiegħi fejn jien hemmhekk tajtha l-aħħar ordni sabiex tneħħi l-imsemmija sikkina minn idejha. Ibrahim Mahmud Mona baqgħet ma tatiex kas l-ordnijiet tiegħi fejn kien għalhekk li proċedejt li nuza forza proporzjonata ċioe it-Tase wara dan wara li jien infurmajtha li kont se nuza l-imsemmi Taser.**

Illi, PC 2299 xehed ukoll *viva voce* fejn ikkonferma li l-bieb ta' barra tar-residenza tal-appellanti ma kienx imsakkar iżda kien hemm ganġetta. Kompla jgħid li fetaħ l-imsemmi bieb bil-mod filwaqt li beda jispjega lill-appellanti li l-bieb ma kienx imsakkar kif kienet qaltilhom. Xehed li:

> "**Hemmhekk tagħtni darha, u minn li nista' niftakar, qabdet is-sikkina minn fuq is-sufan u bdiet iddur lejja. Mhux, ixejjirha skuzani, ixxejjer is-sikkina fl-arja**".

Spjega li taha diversi ordnijiet sabiex tieqaf u tneħħi s-sikkina, iżda l-appellanti ma obditx. Hekk kif innutaha iddur lejn id-direzzjoni tiegħu bis-sikkina taa l-aħħar ordni biex tneħħi s-sikkina minn idejha iżda din ma obdietx sakemm spiċċa kellu juża t-taser.

Illi, fl-*affidavit* tiegħu, PC 1218 Kenneth Mizzi jirrakkonta illi huwa ma daħalx fir-residenza flimkien mal-kuntistabbli 2299 għaliex kien qed jipparkja il-vettura, iżda kif wasal ħdejn ir-residenza sema' lill-kuntistabbli sieħbu jagħti ordni lill-appellanti sabiex tneħħi sikkina minn idejha. Il-kuntistabbli Mizzi josserva illi din il-persuna ippruvat tagredixxi lit-2299, u għalkemm dan beda jgħidilha biex tneħħi s-sikkina minn idejha din baqgħet ma obditux u allura PC 2299 kellu juża forza proporzjonata permezz ta' *tazer*. Kif intuża t-*tazer* din il-persuna waqgħet mal-art u hemmhekk

proċedew għall-arrest tagħha. Fix-xiehda tiegħu *viva voce* jirrakkonta illi meta wasal l-bieb ta' barra tar-residenza tal-appellanti kien miftuħ beraħ u li qabel ma' l-kollega tiegħu spara t-*tazer* kien qed jagħti struzzjonijiet lill-appellanti sabiex tneħħi s-sikkina minn idejha.

Illi, fl-istqarrija tagħha l-appellanti tisħaq li l-Pulizija kienu qegħdin jigdbu. Tgħid li kienu l-Pulizija li fetħu l-bieb u mhux hi, kif ukoll li: –

> **Jien ċempilt ma nafx ezatt x'ħin u baqgħu ma ġewx, kien hemm l-ex ir-raġel tiegħi u beda' jgħajjat ħafna u anki l-ġirien ħarġu u filfatt bdew jgħidulu biex imur l-hemm imma ma ridx imur. Dan jismu Ali Mohamed Sahid Ibrahim joqgħod Blata l-Bajda, imbagħad wara sagħtejn ġew il-Pulizija u jiena ħadt qata' għax kienu ġia qaluli li mhix ġejjin u biex nagħmel rapport id-depot u x'ħin ġew u jien kont bin-nervi u bdejt ngħajjat mal-Pulizija bdejt inċaqlaq idi lejn il-Pulizija. Is-sikkina kienet ħdejja għax ppreparajtha jekk jaqbez ir-raġel. X'ħin ġew il-Pulizija fetħu minn barra għax Ibrahim kien għalaq il-bieb minn barra. X'ħin ġie il-Pulizija jien għidtlu jien għandi sikkina u jekk jiġi Ibrahim noqtlu. Il-Pulizija ma fhemunix.**

Illi, ukoll, l-appellanti stqarret li hekk kif waslu l-Pulizija u qalulha tarmi s-sikkina, hija remietha imma xorta sparawlha bit-*tazer.* Meta xehdet *viva voce*, l-istess appellanti stqarret li dakinhar tal-inċident kien ġie r-raġel tagħha jheddidha li se joqtolha b'sikkina u għalhekk kienet ċemplet lill-Pulizija. Tgħid li hekk kif ġew qalulha biex tiftaħ il-bieb iżda hi qaltilhom biex jiftħuh huma. Tammetti li l-Pulizija kien edukat magħha iżda hija kellha n-nervi u anke rabja u fil-fatt qaltilhom ukoll li huma ma jagħmlu xejn bħala Pulizija. Imbagħad stqarret li qabdet is-sikkina u x'ħin il-Pulizija qalilha biex tneħħiha, hija remitha minn idha iżda huma sparawlha xorta.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-atti proċesswali imbagħad hemm eżebit żewġ filmati wieħed meħud mill-*bodycam* tal-pulizija li juri l-inċident iseħħ minn naħa tat-triq 'il ġewwa tar-residenza, u filmat ieħor li l-appellanti kienet qed tirreġistra fuq iċ-ċellulari tagħha fuq il-pjattaforma tat-*Tik Tok* li huwa iktar ċar u juri l-inċident kif żviluppa minn naħa ta' ġewwa tar-residenza. Minn dawn l-immaġini jidher li meta wasal il-kuntistabbli 2299, il-bieb ta' barra kien magħluq u li kienet l-appellanti li fetħet il-bieb. F'dan il-mument kif l-appellanti rat lill-pulizija bdiet taġita ruħha u tagħmel ħafna xenati, fejn f'ħin minnhom jidher li qabdet sikkina minn fuq sufan li kien hemm wara il-bieb ta' barra

u bdiet ixxejjriha u l-pulizija beda igħajjat magħha u igħidilha tneħħieha minn idejha u wara ftit sekondi sparalha bit-*tazer gun* u hi waqgħet fuq is-sufan. Tul dan l-ħin l-pulizija dejjem baqa' barra ħdejn il-bieb, li saħansitra kien imbexxaq, u mhux miftuħ beraħ, u kien biss wara li spara, li l-pulizija daħal ġewwa r-residenza Minn dawn il-filmati jemerġu diversi fatturi rilevanti u ċioe';

1. Illi l-kuntistabbli 2299 waqt li kien qed iseħħ l-inċident baqa' l-ħin kollu fit-triq barra ir-residenza tal-appellanti u daħal ġewwa biss wara li sparalha bit-*taser gun*.
2. Waqt li l-appellanti kienet għaddejja tgħajjat u tipprotesta għal fatt illi l-pulizija ma kenux irrikorrew biex jassistuha meta kellha bżonn l-assistenza tagħhom minħabba l-aġir abbużiv tar-raġel tagħha, il-bieb ta' barra tar-residenza kien il-ħin kollu imbexxaq u mhux miftuħ beraħ.
3. L-appellanti fl-ebda ħin ma xirfet 'il barra mir-residenza tagħha lanqas meta qabdet is-sikkina b'idejha.
4. Illi fl-ebda ħin ma tidher l-appellanti ser tħebb għal pulizija bis-sikkina, iżda tidher qed ixejjriha f'idejha biex turieha lill-pulizija.
5. Illi is-sikkina hija tajjritha minn idejha **<u>qabel</u>** l-kuntistabbli 2299 ordnalha biex tagħmel dan. Fil-fatt fil-filmat is-sikkina tinstema' taqa' mal-art u ftit sekondi wara il-kuntistabbli beda jordnalha tneħħieha minn idejha u baqa' jgħajjat dawn il-kliem għalkemm is-sikkina kienet fl-art.

Illi l-Qorti tqis illi dan l-inċident sfortunat kien frott ta' malintiż li seħħ bejn il-pulizija u l-appellanti, bl-appellanti fl-ebda ħin ma tidher illi ppruvat tagredixxi lil kuntistabbli 2299. Fil-fatt għalkemm hija tinsab mixlija bir-reati imfassla fl-artikolu 95 u 96 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront taż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, madanakollu minn dawn il-filmati huwa evidenti li l-kuntistabbli 1218 wasal fuq il-post meta it-2299 kien diġa' spara it-*taser* u irnexxielu irażżan lill-appellanti.

Illi minn dawn il-filmati, kif tajjeb tikkontendi l-appellanti fir-rikors tagħha, jidher illi kif fetħet il-bieb ta' barra u rat lill-pulizija hija bdiet tirrabja għal fatt illi dawn kienu waslu tard wisq u li sabiex tipproteġi ruħha minn żewġha, li allegatament huwa

aggressiv fil-konfront tagħha, hija jkollha iżżomm sikkina fil-portata tagħha sabiex tiddefendi ruħha, għaliex il-pulizija ma ipproteġewhiex, u ipproċediet biex turihielu. Waqt li kienet qed tgħid dan id-diskors lill-kuntistabbli, l-appellanti hija irrabbjata u tidher f'aġitazzjoni kbira, li x'aktarx wassal lil kuntistabbli 2299 jibża' għal inkolumita' tiegħu, għalkemm kif ingħad huwa dejjem baqa' barra fit-triq. Ma jistax jingħad minn dawn il-filmati, madanakollu, illi l-appellanti ippruvat tħebb għal kuntistabbli, għalkemm bdiet tgħajjat u tagħmel ħafna xenati. Lanqas jista' jingħad illi hija ħebbet għalih bis-sikkina stante illi għalkemm jidher li l-kuntistabbli inħasad kif raha b'din is-sikkina f'idejha, madanakollu fl-ebda ħin l-appellanti ma tidher ser tipprova taggredih biha. Anzi wara ftit sekondi li taqbadha f'idejha hija titlaqha fl-art, u fil-fatt jinstema' il-ħoss tas-sikkina tmiss mal-art. Kien biss f'dan il-mument li l-kuntistabbli 2299 beda jgħajjat magħha u jgħidilha biex tneħħi is-sikkina minn idha. Kwindi ma kienx hemm għalfejn l-appellanti tingħata din l-ordni għaliex is-sikkina kienet diġa' f'dak il-mument tinsab mal-art fejn iktar tard sabuha il-pulizija u ġabruha. F'dan ix-xenarju l-appellanti tinnega illi hija attakat jew għamlet rezistenza bi vjolenza, jew li nġurjat jew heddedt lill-Pulizija, u li ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tagħhom, kif tinnega ukoll illi hija ħebbet għalihom bis-sikkina. Tikkontendi ukoll li hija verament kienet imsakkra gewwa darha u li ma kinitx dwar dan il-fatt.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-Ewwel Qorti fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi probatorji sabet lill-appellanti ħatja kemm tar-reat imfassal fl-artikolu 96, kif ukoll tar-reat ravviżat fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 96(a) tal-Kodiċi Kriminali, jaqra:–

> **Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti, jeħel, meta jinsab ħati –**
>
> **(a) jekk l-attakk jew ir-reżistenza jsiru minn wieħed jew tnejn min-nies, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa sentejn u għal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000);**

Fl-ewwel lok, allura irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita' taħt din id-disposizzjoni tal-liġi. Il-kompjant Professur Sir Mamo jkompli jgħid:

> ***"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith."***

Illi huwa indubitat illi meta l-pulizija irrikorrew fuq il-post indikat lilhom fit-telefonata li irċevew, dan kien sabiex jinvestigaw rapport li huma irċevew rigward persuna tas-sess maskili li kien qed jaqla' aġitazzjoni. Ċertament ma kenux irrikorrew hemmhekk sabiex jipproċedu bl-arrest tal-appellanti, u lanqas biex jikkonċudi xi investigazzjoni dwar l-imġieba tagħha. Meta waslu iżda sabu lill-appellanti aġitata ferm u bdiet turi ir-rabbja tagħha għal fatt illi sabiex tiddefendi ruħha minn żewġha minflok jassistuha l-pulizija kienet kostretta żżomm sikkina fil-portata tagħha, u pproċediet sabiex turi din is-sikkina lill-pulizija. Fl-ebda ħin ma attakkat lill-imsemmi pulizija jew ħebbet għalih jew inkella irreżistiet l-arrest tagħha. Illi hija il-fehma tal-Qorti, allura, illi f'dan ix-xenarju ma jikkonfigurax ir-reat imfassal fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellanti ma toffri ebda reżistenza meta il-pulizija finalment jidħlu għandha id-dar, anzi hija tispiċċċa mitluqa minħabba li kienet milquta mit-*taser gun,* u kif kienet mixħuta fuq is-sufan il-pulizija ipproċedew biex jimmanettjawha. Kif lanqas kien hemm għalfejn, fil-fehma tal-Qorti, li l-pulizija komplew igħajjtu magħha meta qajmuha minn fuq is-sufan għaliex f'dak il-ħin l-appellanti ma kienet qed toffri ebda resistenza.

Illi l-appellanti hija ukoll mixlija bir-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, liema diżposizzjoni tal-liġi jirrendi ħati:

> **Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi min servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal**

**multa ta' mhux inqas minn tmien mitt eruo (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (5000).**

Illi, l-element formali li jsawwar dan ir-reat addebitat lill-appellanti tal-oltraġġ lill-ufficjal pubbliku huwa proprju l-intenzjoni li dan jigi imxekkel fil-qadi ta' dmirijietu u dan bl-att materjali li jigi ipotizzat fid-diċitura ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi bħala jew dak tat-theddid, jew tal-inġurja jew tal-offiża fuq il-persuna tal-istess ufficjal pubbliku.

Illi, għalkemm, kif ingħad, ma jidhirx mill-provi li f'xi ħin l-appellanti hedded lill-pulizija, kif lanqas ma jiriżulta illi ikkaġunatilhom xi offiża fuq il-persuna tagħhom, madanakollu huwa indubitat illi meta dawn il-pulizija irrikorrew fuq il-post biex joffrulha l-assistenza, minflok ikkoperat magħhom hija bdiet toffendiehom, kif kompliet tgħid kliem inġurjuż fil-konfront tagħhom meta wara li ġiet arrestat kienet tinsab ġewwa l-għassa tal-pulizija. Kif ingħad huwa indubitat, kif tistqarr l-appellanti stess, illi hija kienet irrabjata għal fatt illi l-pulizija, fil-fehma tagħha, ma kenux qed jagħmlu xogħolhom u jipproteguha minn żewġha. U allura minn vittma l-appellanti spiċċat hi stess il-vjolatur tal-liġi meta bdiet tgħajjat u tgħaddi rimarki dispreġġjattivi fil-konfront tal-pulizija – fatt li ammettiet għalih hi stess meta kienet qed tixhed fejn stqarret li għamlet dan għax kellha n-nervi f'dak il-ħin. F'dan ix-xenarju għalhekk jikkonfigura r-reat imfassal fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali iżda mhux l-artikolu 96, billi meta l-pulizija wasslu fuq il-post huma ma kenux għadhom qegħdin hemm sabiex jeżegwixxu l-liġi jew x ordni ta' xi awtorita' iżda kienu għadhom qed jinvestigaw ir-rapport li kien sarilhom. Illi kien biss wara r-reazzjoni tal-appellanti għal miġja tal-pulizija li huma pproċedew għall-arrest tagħha f'liema ħin hija ma kenitx għadha aġitata u kienet ikkalmat. Imbagħad iktar tard ġewwa l-għassa tal-pulizija l-appellanti reġgħet bdiet tgħajjar u tgħid kliem dispreġġjattiv fil-konfront tal-pulizija sabiex għal darb'oħra jikkonfigura r-reat ravviżat f'din id-disposizzjoni tal-liġi.

Illi, allura l-appellanti għandha raġun meta fl-aggravji tagħha tikkontendi illi mill-atti probatorji ma kenux jirriżultaw ir-reati li dwarhom hija ġiet mixlija fl-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet. Lanqas, fil-fehma ta' din il-Qorti ma kienet

tirriżulta l-ħtija għas-sitt imputazzjoni li jitkellem dwar il-ksur tal-bon ordni u l-paċi pubblika billi l-inċident seħħ kollu kemm hu ġewwa r-residenza tal-appellanti u mhux fit-triq barra, jew inkella f'xi post pubbliku.

Illi, jifdal għalhekk l-ilment dwar l-addebitu tar-reċediva. Dwar l-istess, quddiem l-Ewwel Qorti xehdet Stefania Calafato Testa, Assistent Reġistratur fil-Qrati u Tribunali Kriminali, fejn ippreżentat żewġ sentenzi mogħtija fil-konfront tal-appellanti, dokumenti SCTX1 u SCTX2. Issa id-Dokument SCTX1 huwa vera kopja ta' komparixxi li fuqha hemm ħafna tħażżiż li x'aktarx hija l-kitba *di proprio pugno* tal-Maġistrat. Minn dan id-dokument ma jirriżultax ċar x'kienet il-piena inflitta, u jekk din nstabitx ħatja jew le tal-imputazzjonijiet hemmhekk kontenuti. Illi per eżempju ħdejn l-ewwel imputazzjoni hemm miktub il-kliem - "*ma tirriżultax liberata*" u ħdejn it-tieni imputazzjoni il-kliem "*multa €800 fi żmien tlett xhur mil-lum*. Fir-rigward tar-raba, il-ħames u is-sitt imputazzjonijiet hemm *brackets* u taħtom l-ittri "*RA*". Ħdejn it-tielet imputazzjoni ma hemm miktub xejn iżda iktar 'il isfel fil-qiegħ tad-dokument hemm miktub xi kliem li bil-kemm jinftiehem fejn jidher illi hija kienet ikkundannata ħmistax-il jum priġunerija. Dan il-fatt huwa rifless ukoll fil-fedina penali tagħha. Dan magħdud, madanakollu, ċertament dan mhux il-mod kif il-Prosekuzzjoni tressaq provi dwar l-addebitu tar-reċidiva, mingħajr ma saret il-konferma tal-identità tal-appellanti, u mingħajr ma kienet ippreżentata kopja li tinftiehem u uffiċjali tas-sentenza. Illi fix-xiehda tagħha imbagħad l-Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa tixhed li din l-multa inflitta kienet għadha ma tħallsitx sabiex b'hekk is-sentenza għada mhux skontata. Fir-rigward tat-tieni sentenza eżebita din ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni għal fini tal-addebitu tar-reċidiva stante illi minflok piena kien inħareġ Ordni ta' *Probation* fil-konfront tal-appellanti, għalkemm l-Assistent Reġistartur tgħid illi kien hemm denunzja pendenti li madanakollu kienet għadha mhux deċiża. Illi finalment, għalkemm fil-kontro-eżami tax-xhud id-Difiża allegat illi l-multa kienet tħallset u li d-denunzja kienet ġiet deċiża, u għalkemm il-Prosekuzzjoni kellha terġa' tressaq lil din ix-xhud sabiex tikkonferma dawn il-fatti, madanakollu dan ma seħħx, sabiex allura ma hemmx provi in atti li jindikaw illi dan l-addebitu

jissussisti, u l-Qorti ser tgħaddi biex tirrevoka s-sentenza appellata ukoll fejn sabet ħtija għal dan l-addebitu wkoll.

**Ikkunsidrat:**

Illi, jifdal għalhekk li jkun ikkunsidrat it-tmien (8) aggravju mressaq mill-appellanti li t-tnejn jikkonċernaw il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha u dan kemm fir-rigward tal-piena ta' priġunerija imposta fuqha li tikkontendi li kienet eċċessiva, kif ukoll fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali fejn l-Ewwel Qorti rabtitha b'garanzija personali fil-konfront taż-żewġ uffiċjali tal-pulizija stante illi fil-fehma tagħha ma kenux riskontrati l-estremi fl-imġieba tagħha li kienu jiġġustifika l-imposizzjoni ta' tali garanzija.

Illi jibda biex jingħad illi ġaldarba l-appellanti ser tkun illiberata mill-imputazzjonijiet kollha lilha addebitati għajr għat-tieni imputazzjoni neċessarjament ser ikun hemm temperament fil-piena. Illi madanakollu l-Qorti tqis illi il-garanzija mposta għandha tibqa' fuq saqajha stante l-imġieba erratika tagħha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell mressaq mill-appellanti Mona Ibrahim Mahmud, u tgħaddi għalhekk sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:**

1. **Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti Mona Ibrahim Mahmoud ħatja tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontriha; u**
2. **Tikkonfermaha fil-parti fejn ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, rabtet lill-appellanti Mona Ibrahim Mahmud b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) għal zmien sena mid-data ta' din is-sentenza illi ma timmolestax, ma ddejjaqx u ma tinġurjax lil PC 2299 Aiden Michail Demicoli u PC 1218 Kenneth Mizzi; u**
3. **Tikkonfermaha fil-parti fejn ordnat lill-appellanti Mona Ibrahim Mahmoud sabiex tħallas is-somma ta'elf, mitejn u wieħed u għoxrin Euro u tlieta u**

tletin ċentezmu (€1,221.33), rappreżentanti spejjez peritali ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

4. Tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellanti Mona Ibrahim Mahmoud ħatja tal-ewwel, it-tielet, ir-raba', l-ħames u is-sitt imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva u tgħaddi sabiex tilliberaha mill-istess; u
5. Tvarja il-piena inflitta, u minflok dik tal-priġunerija ta' tmintax-il xahar u multa ta' erba' t'elef Euro (€4,000), tikkundannaha għal piena ta' tlett xhur priġunerija u multa ta' elf ewro (€1000).

Edwina Grima
Imħallef